**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 14 – 7 ta' Frar 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 14. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Robert Tabone | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Co-ordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Robert Tabone talab li jkun skużat minħabba li kien marid. It-talba tal-Kunsillier Tabone ġiet approvata.

Il-Viċi Sindku Thomas Agius filwaqt li talab sospensjoni tal-Agenda, ikkundanna l-att vandalu li seħħ fuq il-propjetà tas-Sindku Alfred Grixti u wassal il-messaġ tiegħu ta' solidarjetà mas-Sindku. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li huwa jikkundanna kull att intimidatorju fill-konfront ta' membri tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku għamel referenza wkoll għall-istqarrija li ħareġ il-Kunsill fuq dan is-suġġett.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li f' ismu u f' isem il-mara tiegħu huwa xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera kollha tal-appoġġ u l-kummenti ta' solidarjetà tagħhom. Is-Sindku kompla jgħid li huwa baqa' sorpriż għat-turija kbira ta' solidarjeta mill-partijiet kollha tal-*spectrum* politiku, u tas-sapport li rċieva minn diversi Sindki u Kunsilliera oħra taż-żewġ partiti. Is-Sindku Alfred Grixti rringrazzja wkoll liċ-ċittadini Żebbuġin tal-messaġġi tagħhom, lis-Sezzjoni Kunsilliera tal-Partit Laburista, ir-Reġjun Nofsinhar, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u ħafna awtoritajiet oħrajn.

Is-Sindku kkonkluda billi qal li jekk min għamel dan l-att mingħalih li kien ħa jintimidaħ u jbeżżgħu, dan kien sejjer żbaljat u ma kienx jafu, u kien se jkompli għaddej bil-ħidma tiegħu b' aktar ħeġġa minn qatt qabel. Is-Sindku kkonkluda billi qal li min għamel dan l-att kien persuna beżżiegħa li ma kienitx kapaċi taffaċjah.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 13 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 13 jiġu approvati hekk kif imresqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (65).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1. Ma tressaq l-ebda punt għad-diskussjoni.

2.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina daħal għal-laqgħa fis-6.45pm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti ġibed l-attenzjoni għal talba li rċieva mingħand ir-residenti ta' triq Dun Bartilmew Attard sabiex issir skema ta' parkeġġ għar-residenti minħabba l-problemi li qegħdin isofru minħabba l-persun li jużaw il-*gym* li jinsab f' din it-triq. Is-Sindku Alfred Grixti qal li filwaqt li jissimpatizza mar-residenti u jappoġġja din it-talba tagħhom, wieħed irid

joqgħod attent għal kawża kostituzzjonali li hemm rigward dawn it-tipi ta' parkeġġi.

3.2. Il-Kunsillier George Cortis qal li anke huwa ġie avviċinat minn numru ta' residenti dwar din il-problema.

3.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li pjan ta' skema residenzjali ta' parkeġġ għandha tinkludi ż-żona kollha ta' Għarram, għax ir-residenti ta' din iż-żona kollha huma milqutin bl-istess problema. Is-Sindku kompla jgħid li huwa diġa kellem lill-Uffiċjal Awtorizzat sabiex il-gwardjani lokali jagħtu attenzjoni akbar f' din iż-żona.

3.4. Il-Kunsillier Roderick Aquilina għamel referenza għal problema simili li hemm f' Mdina Road fid-daħla li hemm faċċata tal-ħanut tat-*Turkish*.

3.5. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li huwa jaqbel ma' din il-proposta iżda talab li jkun jaf min se jkun qiegħed jieħu ħsieb l-infurzar ta' din l-iskema.

3.6. Wara diskussjoni s-Sindku Alfred Grixti ppropona li l-Kunsill japplika sabiex isir skema ta' parkeġġ residenzjali fiż-żona ta' Għarram u fis-*service road* ta' Triq l-Imdina kollha. Huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-proposta ġiet approvata (66).

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-kunsilliera.

4.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina ddikjara l-kunflitt ta' interess tiegħu fuq il-pagament ta' Raymond Aquilina li jiġi missieru u nforma lill-Kunsill li kien se jastjeni minn deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw pagamenti lill-Raymond Aquilina tul il-kumplament tal-leġislatura kollha.

4.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsilliera Roderick Aquilina u Catherine Sammut

Il-pagamenti ġew approvati. (67)

## 5. PREŻENTAZZJONI SKEMI TA' IMMANIĠJAR TA' SKART RIĊIKLABLI

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li wara li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill saru l-preżentazzjonijiet taż-żewġ skemi ta' immaniġjar ta' skart riċiklabli, issa kien wasal il-mument li tittieħed deċiżjoni dwar ma' liema skema kien se jaħdem il-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-Kunsill dejjem ħadem tajjeb mal-Greenpak u ma kienx konvint dwar l-inċentivi finanzjarji offruti mill-Green Mt għar-raġuni li dawn kienu bbażati fuq miri ta' ġbir ta' skart riċiklabli li għalissa ma kienux realistiċi għal Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza wkoll għal episodju fejn uffiċjali tal-Green Mt xi snin qabel kienu wegħdu lill-kuntratturi li jibdew joperaw is-servizz ta' ġbir huma meta dawn jieħdu l-kuntratt mal-Kunsill u dan ma kienx aċċettabli għalih tant li kien sar kuntatt mill-avukat tal-Kunsill.

5.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li hija ma kienitx konvinta mill-idea li jinqata l-ġbir tal-borża s-sewda minn nhar ta' Tlieta. Hija kkummentat ukoll dwar il-periklu li jista joħloq il-ġbir tal-ħġieġ b' mod separat, minħabba li dan il-ħġieġ irid jinħażen u jista jkun ta' periklu għat-tfal.

5.3. Il-Kunsillier Duncan Bartolo qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill dejjem ħadem tajjeb mal-Greenpak iżda xtaq li jara pjan sabiex jiżdied l-ammont ta' skart riċiklabli li jinġabar.

5.4. Il-Kunsillier Cain Grech qal li lilu laqtitu l-proposta tal-Greenpak għax jidhru li jieħdu ħafna inizjattivi nnovattivi. Huwa kompla jgħid li jixtieq li jkun hemm iżjed inizjattivi edukattivi għar-residenti fil-qasam tal-ġbir tal-iskart riċiklabli.

5.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jidher li hemm kunsens li l-Kunsill jagħżel l-iskema tal-Greenpak iżda huwa kien qiegħed jipproponi li jkun hemm ukoll sottokumitat li jieħu ħsieb il-ġbir tal-iskart riċiklabli mmexxi mill-Viċi Sindku Thomas Agius u bħala membr jkun hemm il-Kunsilliera Roderick Aquilina,

Cain Grech u Catherine Sammut. Il-proposta tas-Sindku ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-proposta ġiet approvata (68).

## 6. VJAL IL-ĦELSIEN (UPDATE)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li t-tender tad-dawl għal Vjal il-Ħelsien ħareġ u kien miftuħ għall-publiku u l-perijodu għall-offerti kien jagħlaq fit-8 ta' Marzu 2013.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' dan it-tender ġew approvati mill-Enemalta u poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza kollha mal-Enemalta dwar Vjal il-Ħelsien. Is-Sindku qal li din il-korrispondenza se tkun għand is-Segretarju u min xtaq jirreferi għaliha seta' jagħmel dan.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li dan it-tender ġie ppreparat bl-għajnuna ta' persuni esperti kemm minn lat tekniku kif ukoll mill-aspett kuntrattwali.

6.4. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-*snag list* tax-xogħolijiet pendenti fi Vjal il-Ħelsien kienet lest u ġiet mgħoddija lill-Perit tal-kuntrattur. Is-Sindku spjega li huwa kien tal-opinjoni li tinkiteb ittra iebsa fejn il-kuntrattur jingħata *deadline* sa meta jrid ilesti x-xogħol. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill kien *in line* mal-obbligi kuntrattwali kollha u saħansitra fejn jidħlu pagamenti kien qiegħed avvanzat. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-kuntrattur għandu jingħata sal-aħħar ta' Frar biex ilesti x-xogħol. Is-Sindku Alfred Grixti kkonkluda billi qal li jekk ikun hemm xi inċident u l-Kunsill ikun affaċjat b' xi azzjoni legali, huwa kien se jdur fuq il-kuntrattur minħabba dawn in-nuqasijiet.

6.5. Il-Kunsillier George Cortis qal li qabel ma ssir iż-żebgħa tal-art, l-ewwel irid jissewwew id-difetti fit-tarmac. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li taqbel mal-Kunsillier Cortis u qalet li fl-opinjoni tagħha l-ittra li tintbagħat lill-kuntrattur tkun waħda legali sabiex ikollha aktar saħħa. Il-Kunsillier George Cortis issekonda il-proposta tal-Kunsilliera Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius.

Il-proposta ġiet approvata (69).

6.6. Is-Sindku Alfred Grixti informa lill-Kunsilliera bl-iżviluppi tal-azzjoni legali li Dr. Farrugia kien qiegħed jieħu fil-konfront tal-Kunsill u tal-Kuntrattur. Is-Sindku spjega li l-qorti qabdet perit legali sabiex jagħmel il-perizja tiegħu, filwaqt li kienu għaddejin diskussjonijiet minn naħa tal-avukati sabiex tiġi studjata l-possibiltà li jinstab ftehim bonarju barra mill-qorti. Is-Sindku kompla jgħid li t-talba oriġinali ta' danni ta' madwar €50,000 diġa niżlet għal madwar €27,000. Is-Sindku qal li jekk hemm il-possibiltà li jinstab ftehim bonarju huwa ma kienx se jisfratta festi jew jimpika iżda xtaq jagħmel il-posizzjoni tiegħu ċara mill-bidu, jiġifieri kwalunkwe ftehim li jinstab irid ikun bla preġudizzju u bis-slavagwardji legali kollha li l-Kunsill bl-ebda mod ma hu qiegħed jaċċetta ebda forma ta' responsabiltà jew tort f' dak li ġara. Is-Sindku fakkar li kien hemm persuna oħra li ġratilha ħsara u allura l-Kunsill kellu joqgħod aktar attent kif jaġixxi fil-każ ta' Dr. Farrugia. Is-Sindku spjega li qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni fuq dan il-każ huwa kien se jiddiskutiha l-ewwel fil-Kunsill.

6.7. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat sabiex il-Perit Gilbert Bartolo, f' isem il-kumpanija Med Design Associates jwieġeb il-mistoqsijiet tal-Kunsilliera fuq il-proġett ta' Vjal il-Ħelsien. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.30pm.

## 7. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP (UPDATE)

7.1. Il-laqgħa tkompliet fit-8.40pm.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li Triq Ħal Mula kienet lesta u kien għada fadal il-pjazzetta bejn Triq Abraham Gatt u Triq Gulliermo Lorenzi u Triq Mamo u Triq Mula. Is-Sindku qal li f' din il-pjazzetta kien hemm il-pjan li jsir parkeġġ organizzat iżda wara nuqqas ta' qbil bejn ir-residenti ġie deċiż li kollox jitħalla kif kien qabel.

7.3. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għat-toroq tal-Grazzja u spjega li ż-żewġ rapporti kkummissjonati naqsu milli jagħtu l-gradwatorja mixtieqa għax iż-żewġ periti fir-rapporti tagħhom speċifikaw li l-ħsarat f' dawn it-toroq kienu estensivi u ftit kienet id-differenza bejniethom.

7.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-commitment preżenti mad-Dipartiment fuq dawn it-toroq kien jamonta għal €131,597 li kien terz tas-somma stmata tax-xogħol ta' madwar €397,000. Issa li ħareġ it-tender u li dan jammonta għal madwar miljun ewro ma kienx possibli għall-Kunsill li jidħol għal dan ix-xogħol b' dak il-commitment biss. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien se jaħdem sabiex dak il-commitment jikber u stieden lill-Kunsilliera jagħtu l-għajnuna tagħhom.

7.5. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa kellu dubji dwar kemm il-figura ta' madwar miljun ewro kienet waħda realistika.

7.6. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li huwa kien se jitlob lis-Segretarju u l-Project Manager biex jieħdu azzjoni ħalli jsir patching f' din iż-żona. Kien hemm qbil dwar dan.

## 8. KORSIJIET TAL-ICT

8.1. Il-Kunsillier Cain Grech spjega li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Horizon 2000 u matul din il-laqgħa ntwera l-interess li dawn jaħdmu mal-Kunsill. Matul din il-laqgħa saret żjara fil-premises li jidhru moderni u aċċessibli kemm għall-anzjani kif ukoll għall-persuni b' diżabilità. Il-Kunsillier Cain Grech qal li jkun għaqli li l-ewwel il-Kunsill joħroġ l-avviż dwar dawn il-korsijiet u mbagħad jimxi skond l-interess muri. Il-Kunsillier Grech issuġġerixxa li ssir laqgħa oħra tas-sottokumitat. Kien hemm qbil dwar dan.

## 9. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

9.1. Ma tressqu l-ebda mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

9.2. Il-Kunsillier Philip Said talab li fl-edizzjoni li jmiss tal-*magazine* tal-Kunsill ikun hemm artiklu fejn tiġi spjegata s-sitwazzjoni fuq Vjal il-Ħelsien. Kien hemm qbil dwar dan.

9.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li b' rabta mal-festi ċentenarji tal-miġja tal-istatwa ta' San Filep huwa beda xi kuntatti ma' skultur ta' kalibru taljan biex jagħmel konferenza dwar l-istatwa u Kardinal biex jipparteċipa fil-festi tal-Knisja. Is-Sindku spjega li se jkun iqegħed jesplora wkoll il-possibiltà li jinġiebu fondi speċjali għal dan l-avveniment.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kellha ssir laqgħa tal-Kunsill apposta sabiex jiġu approvati l-estimi finanzjarji tas-sena 2012. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2013 fis-6.30pm filwaqt li l-laqgħa tal-Kunsill ta' Marzu ssir nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013.

10.2. Il-laqgħa spiċċat fl-9.05pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |